MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 908/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**-vs-**

**Saviour u Marlene mizzewgin Falzon (I.D. Nri. 53666M u 299570M)**

**Il-Qorti:**

**Rat** ir-rikors guramentat presentat fl-10 ta' Settembru 2008 li jghid testwalment hekk :

" 1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi datat fis-26 ta' Gunju 2003 (DOK A) kif ukoll permezz ta' skrittura privata DOK B datata fil-15 ta' Dicembru 2004 is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Saviour u Marlene mizzewgin Falzon ;

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Saviour u Marlene mizzewgin Falzon fis-somma ta’ mitejn u tlieta u erbghin elf, seba’ mija u sitta u erbghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€243,746.43) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Saviour u Marlene mizzewgin Falzon mal-Bank of Valletta p.l.c. (DOK C1 sa C6 u D1 sa D3) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mis-27 ta’ Awissu 2008 sad-data tal-effettiv pagament ;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument A u B) partikolarment imma mhux esklussivament billi Saviour u Marlene mizzewgin Falzon :

a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ attrici kif stipulati fl-imsemmija kuntratt u skrittura

b) kienu nadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati u/jew

c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Saviour u Marlene mizzewgin Falzon li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici ;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment ;

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata fit-3 ta’ Marzu 2008 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata DOK E sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu nadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qieghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument A u B)

partikolarment imma mhux esklussivament, billi Saviour u Marlene mizzewgin Falzon (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Saviour u Marlene mizzewgin Falzon li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici ;

2. Tikkundanna lil Saviour u Marlene mizzewgin Falzon jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u tlieta u erbghin elf, seba’ mija u sitta u erbghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€243,746.43) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Saviour u Marlene mizzewgin Falzon mal-Bank of Valletta plc (DOK C1 sa C6 u D1 sa D3) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mis-27 ta’ Awissu 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fit-3 ta’ Marzu 2008 u tal-Mandat ta’ Sekwestru kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni. ”

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta’ attrici.

**Rat** il-lista tad-dokumenti esebiti mis-socjeta’ attrici.

**Rat** in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Marlene Falzon legalment separata minn zewgha l-konvenut l-iehor Saviour Falzon presentata fil-21 ta’ Novembru 2008 li tghid hekk testwalment :-

“ 1. Illi l-konvenuta titlob li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju f’dawn il-proceduri bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici *stante* li l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ;

2. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda kollha *stante* ukoll minhabba illi l-konvenuta Marlene Falzon qatt ma ffirmat l-kuntratti hekk esebiti (Dok A u B) mis-socjeta’ attrici ;

3. Illi anke jekk ghall-grazzja ta' argument, *dato ma non concesso*, il-konvenuta kienet iffirmat xi tip ta' skrittura dan zgur sar b'qerq min-naha tar-ragel taghha peress illi anki kif jidher mid-dokument anness (DOK MF 1 iffirmat 16 ta' Ottubru 2004) l-konjugi Falzon kienu qeghdin jghaddu minn problemi serji familjari, f'dak iz-zmien li allegatament giet iffirmata l-iskrittura DOK B (15 ta' Dicembru 2004) u fil-fatt l-konvenuta kienet gia legalment separata minn mar-ragel taghha u ghal dawn ir-ragunijiet l-konvenuta mhix il-legittima kontradittur fil-proceduri odjerni u l-konvenuta m'ghandhiex titqies bhala debitur *in solidum* mar-ragel taghha *stante* r-ragunijiet fuq spjegati u kif se jirrizulta anki fit-trattazzjoni tal-kawza ;

4. Illi *di piu'* u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal dejjem skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni (DOK MF1) huwa r-ragel li obbliga ruhu li jhallas kwalunkwe dejn li seta' kien hemm u ghalhekk anke id-dejn allegatament dovut lis-socjeta' attrici kif spjegat f'DOK A u DOK B kellu/ghandu jithallas esklussivament mir-ragel ;

5. Illi minghajr pregudizzju l-konvenuta ma tistax tifhem kif is-socjeta' attrici waslet ghall-ammont mitlub *stante* li anki d-dokumenti pprezentati (DOK A u B) l-ammonti ma jaqblux ma' xulxin u anki fl-istess DOK B jidher li hemm diskrepanza ghall-ammont mitlub u ghalhekk l-istess DOK A u B ma jispjegawx kif is-socjeta' attrici waslet ghall-ammont hekk mitlub fir-rikors guramentat taghha. Illi ghalhekk anki jekk ghal grazzja ta' l-argument hemm xi ammont dovut dan ghad irid jigi likwidat b'mod siwi ghaliex id-dokumenti kollha u l-ammonti mnissla fihom ma jaqblux ma' xulxin. *Inoltre sta* ghas-socjeta' attrici tipprova kif u f'liema kwantu dawn l-ammonti huma dovuti ;

6. Salv kull eccezzjoni ulterjuri permessi mil-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici u b'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri permessa bil-ligi u spettanti lill-konvenuta. "

**Rat** id-dikjarazzjoni wkoll guramentata annessa mar-risposta, flimkien mal-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta u d-dokument minnha esebit.

**Rat** li ghalkemm il-konvenut Saviour Falzon kien debitament notifikat skont il-ligi bir-rikors mahluf, huwa naqas li jippresenta risposta mahlufa fit-terminu prefiss mil-ligi u kwindi baqa' kontumaci.

**Rat** li fl-udjenza tal-kawza tat-2 ta' Novembru 2009 il-bank attur, b'riferenza ghat-tielet eccezzjoni tal-konvenuta Marlene Falzon, irrileva li dak hemm pretiz kellu jigi dedott *in via di azione ad hoc* u mhux permezz ta' eccezzjoni. Ghalhekk talab li jressaq nota ta' referenzi in sostenn.

**Rat** in-nota ta' referenzi tal-bank attur presentata fil-11 ta' Novembru 2009 (fol 58 et seq).

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-2 ta' Novembru 2009 fejn halliet il-kawza ghal-lum sabiex taghti provvediment dwar jekk il-konvenuta Marlene Falzon tistax tavvanza dak li qed tippretendi fit-tielet eccezzjoni taghha *per via di eccezione* (kif tghid l-istess konvenuta) jew inkella *per via di azione* (kif jippretendi l-bank attur).

**Ikkunsidrat –**

L-eccezzjoni *de qua* tal-konvenuta Marelene Falzon tghid hekk –

*Illi anke jekk ghall-grazzja ta' argument, dato ma non concesso, il-konvenuta kienet iffirmat xi tip ta' skrittura dan zgur sar b'qerq min-naha tar-ragel taghha peress illi anki kif jidher mid-dokument anness (DOK MF 1 iffirmat 16 ta' Ottubru 2004) l-konjugi Falzon kienu qeghdin jghaddu minn problemi serji familjari, f'dak iz-zmien li allegatament giet iffirmata l-iskrittura DOK B (15 ta' Dicembru 2004) u fil-fatt l-konvenuta kienet gia legalment separata minn mar-ragel taghha u ghal dawn ir-ragunijiet l-konvenuta mhix il-legittima kontradittur fil-proceduri odjerni u l-konvenuta m'ghandhiex titqies bhala debitur in*

*solidum mar-ragel taghha stante r-ragunijiet fuq spjegati u kif se jirrizulta anki fit-trattazzjoni tal-kawza.*

Fl-Art. 974 tal-Kap. 16 jinghad li –
*Jekk il-kunsens ikun moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b'eghmil doluz* (fit-test bl-Ingliz *procured by fraud*) *ma jkunx jiswa*.

Fl-Art. 981(1) tal-Kap. 16 imbaghad jinghad li –
*L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra mna kenitx tikkuntratta.*

Propju ghax ghandu dik il-portata, il-qerq irid ikun gravi u determinanti. Kif qalet il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **"Mifsud noe vs Tanti"** deciza fl-4 ta' Frar 1965 : *Biex jigi pruvat dolo trid issir il-prova li parti wahda wzat "scienter" raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi cjoe tali li jezulaw mill-ezegerazzjonijiet jew reticenzi tollerati fil-kummerc u l-istess mezzi dizonesti kienu determinanti tali cjoe li mingharhom dak li jkun ma kienx jikkontratta.* Il-korollarju logiku u guridiku ta' dan huwa li l-allegat ghemil doluz ma jistax ikun prezunt izda jrid jigi pruvat. *Del resto* hekk ighid ukoll l-Art. 981(2) tal-Kap. 16. Il-konsegwenza ta' dan huwa li l-piz tal-prova li sehh qerq jispetta lil min jallega li gara hekk. Fil-kaz tal-lum, il-piz tal-prova jispetta lill-konvenuta Marlene Falzon. Din il-Qorti tghid li dan il-punt ta' dritt huwa perenni u jghodd kemm jekk il-prova tal-qerq tkun trid issir *per via di azione* kemm jekk *per via di eccezione.*

Specifikament dwar il-materja sollevata mill-bank attur, il-gurisprudenza mhix konkordi.

Fis-sentenza taghha tal-15 ta' Mejju 1959 fil-kawza **"Mifsud vs Mifsud et"** il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar kaz ta' allegata simulazzjoni –

*Ghalkemm hu kontrovers fid-dottrina u fil-gurisprudenza jekk is-simulazzjoni relattiva tistax tigi opposta "ope exceptionis" jew ghandhiex tigi dedotta permezz ta' azzjoni, u ghalkemm il-qorti tista' tippermetti li s-*

*simulazzjoni tigi dedotta wkoll b'eccezzjoni, ghandhom dejjem jitqiesu c-cirkustanzi partikolari tal-kaz* (sottolinear ta' din il-Qorti) *; b'mod illi, jekk dawn ic-cirkustanzi juru li l-eccezzjoni tas-simulazzjoni jehtieg li tigi ezaminata fl-istess gudizzju, mhux il-kaz illi l-allegata simulazzjoni tigi rimessa ghal gudizzju iehor.*

*Barra minn dan, bhala regola generali* (sottolinear ta' din il-Qorti) *hu deziderabbli illi, meta dan jista' jsir kompatibbilment mar-regoli procedurali u d-disposizzjonijiet tal-ligi, l-incident kollha li jqumu bejn il-partijiet f'kawza jigu diskussi u decizi fl-istess gudizzju ghall-ekonomija ta' zmien u spejjez u ghas-skans ta' possibbli konflitt ta' gudikati.*

*U allura meta kontra l-azzjoni proposta tigi eccepita s-simulazzjoni mhux necessarjament din ghandha tigi rimessa ghal gudizzju separat imma ghandha tigi diskussa u deciza fl-istess gudizzju jekk dan ikun jista' jsir konformement ma' dak espost.*

Dan premess din il-Qorti hija propensa li ssegwi l-linja traccjata minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-kawza **"Bajada vs Lumb"** deciza fil-15 ta' Dicembru 1952 li kien kaz dwar kunsens mehud bi vjolenza. Hemm din il-Qorti osservat li meta kwistjoni hija ta' nullita', allura l-konvenut f'kawza jista' jaghtiha b'eccezzjoni, izda meta l-kwistjoni tkun wahda ta' annullabilita', allura ma tistax tingieb 'il quddiem hlief b'azzjoni *ad hoc*. F'dan l-ahhar kaz, il-Qorti tkun trid tissoprassjedi fil-kawza u taghti zmien biex tigi dedotta l-azzjoni relativa quddiem il-Qorti kompetenti.

Riferibbilment ghac-cirkustanzi partikolari tal-kaz tal-lum, din il-Qorti esaminat bir-reqqa t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta Marlene Falzon u tghid li fiha ma tarax lanqas xi alluzjoni li l-bank attur kien b'xi mod kompartecipi fl-allegat qerq kommess fil-konfront taghha. Din il-Qorti allura qed tifhem li skont Marlene Falzon, l-allegat qerq kien kommess mill-konvenut Saviour Falzon wahdu fil-konfront taghha.

Din il-Qorti tghid li ladarba l-eccezzjoni *de qua* mhix ta' nullita' (infatti din il-frazi b'ebda mod ma tirrizulta fl-eccezzjoni) izda *se mai* ta' annullabilita' il-materja ma tistax tigi sollevata mill-konvenuta fil-konfront tal-bank attur *per via di eccezione* izda trid tigi trattata u deciza *per via di azione*. Ic-cirkustanzi tal-kaz tal-lum hekk jesigu li jsir. Dak li qed tghid din il-Qorti b'ebda mod ma jmur kontra l-principju li *l-incidenti kollha li jqumu bejn il-partijiet f'kawza jigu diskussi u decizi fl-istess gudizzju ghall-ekonomija ta' zmien u spejjez u ghas-skans ta' possibbli konflitt ta' gudikati.* (op. cit.). Anzi bil-maqlub din il-Qorti trid issostni l-principju li min ma kienx kompartecipi f'allegat att ta' qerq ghandu jsib it-tutela tad-dritt.

**Ghal dawn ir-ragunijiet –**

**Tordna s-soprasessjoni tal-kawza, taghti lill-konvenuta Marlene Falzon zmien perentorju ta' xahar mil-lum sabiex, jekk jidhrilha, tiddeduci quddiem il-Qorti kompetenti l-apposita azzjoni fit-termini minnha esposti u allegati fit-tielet eccezzjoni taghha, u thalli l-kawza *sine die* riappuntabbli wara li jsir rikors mill-partijiet jew min minnhom fi zmien perentorju ta' xahar jekk it-terminu fuq prefiss moghti lill-konvenuta Marlene Falzon ighaddi inutilment, jew fi zmien perentorju ta' xahar mid-data li l-kawza li tigi proposta mill-konvenuta Marlene Falzon tghaddi in gudikat.**

**Spejjes rizervati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------